MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-7 ta' April, 2011

Numru. 1251/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**
**KONTRA**

**MASSIMO GRIXTI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Massimo Grixti, ta’ 21 bin Anthony Grixti u Josephine Grixti nee’ Olivia, mwieled Pieta’ nhar it- 23 ta’ Settembru 1989, residenti f’ fond 63, Flat 18, Triq il- Punent, Valletta u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 478189M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli ghal habta ta’ xi 19.15hrs ta’ nhar il- 31 ta’ Marzu 2010, gewwa Triq il- Qwabar, Marsa minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta’ haddiehor f’ periklu car, ikkaguna hsara fil- gisem jew fis- sahha, u cioe’ offiza ta’ natura gravi fil- gisem jew fis- sahha ta’ Raisa Sciberras, liema hsara tista’ ggib debulizza permanenti fis- sahha jew fil- funzjoni ta’ xi parti tal- gisem jew difett permanenti f’ parti tal- ghamla tal- gisem jew inkella marda permanenti tal- mohh, u dan skont ma ccertifika Dr. Kenneth Muscat MD (Reg 3044) mill- Isptar Mater Dei, Msida u dan bi ksur tal- Artikoli 214 u 216 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali, li permezz taghha hu ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza titmexxa b’mod sommarju minn din il-Qorti;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tisma’ l-kawza tieghu bi procedura sommarja, u ghalhekk din il-Qorti giet hekk ikkonvertita ghal Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u ghaldaqstant dawn jirrisultaw soddisfacentement ippruvati ghall-Qorti, minghajr il-htiega li jinstemghu l-provi kollha.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

Dan huwa kaz tipiku ta’ vjolenza domestika, li b’xorti tajba kellu konsegwenzi minimi. L-imputat jispjega fl-istqarrija tieghu li hu kien aggredixxa lil Raisa Sciberras, li tigi omm il-wild tieghu, wara li hass li kienet qed tinkih fuq l-istess wild ta’ bejniethom. Il-Qorti ma tharisx b’mod legger lejn dawn is-sitwazzjonijiet fejn ir-ragel, ta’ liema eta’ jkun, jittratta l-mara jew is-siehba tieghu bhal xi oggett jew skjav li jista’ jizvoga fiha fi x’hin, fejn u meta jrid hu, biex minn ghalih juri d-dominanza tieghu fuqha. Dan l-agir huwa ghal kollox inaccettabbli u kundannabbli minn din il-Qorti, u bla riserva ta’ xejn il-piena li sejra tinghatalu ser tkun ta’ prigunerija effettiva. Kienet x’kienet l-inkejja indirizzata lejh, m’ghandha qatt tissarraf f’ritaljazzjoni vjolenti tant li thalli offizi gravi fuq persuna ohra. Il-Qorti sejra tibqa’ vicin tal-minimum f’dan il-kaz ghar-raguni li hu ammetta mal-ewwel il-kawza kontra tieghu, u bl-isperanza li hu jitghallem japprezza li dik il-persuna li aggredixxa sejra tibqa’, tajjeb jew hazin, omm il-wild tieghu.

Flimkien mal-piena ta’ prigunerija, il-Qorti sejra wkoll tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni favur Raisa Sciberras, u din ghandha sservi ta’ deterrent ghall-imputat li ma jergax igib ruhu hekk.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 214 u 216, 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.
Tapplika l- Artikolu 412C tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta ghal tlett (3) snin favur Raisa Sciberras.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------